TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 218/10

**Mark u Marianne Azzopardi**

**vs**

**Cutrico Services Limited**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn, seba' mija u tletin ewro (€2,730) rappreżentanti prezz ta' *stove* illi minkejja li ġiet installata beda dieħel l-ilma u konsegwentement issadded.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw *stove* mingħand id-ditta intimata, u minkejja li ġiet installata beda dieħel l-ilma miċ-ċumnija, bil-konsegwenza illi beda jsir il-ħsara.

Minkejja li s-soċjeta' intimata sewwiet diversi drabi, xorta baqa' dieħel l-ilma miċ-ċumnija u spiċċat biex din l-i*stove* issadded.

Is-soċjeta' initmata ssottomettiet bil-miktub fir-risposta tagħha, illi pruvat tagħmel minn kollox sabiex tipprova issolvi din is-sitwazzjoni u li ma kellhiex tort għal dak li ġara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata bagħtet risposta bil-miktub, iżda m'attendietx għas-seduta minkejja li debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u wara li spezzjona r-ritratti, jinnota illi r-rikorrenti għandhom raġun stante li fl-ewwel lok ma ġietx installata tajba, u fit-tieni lok kien hemm il-garanzija li kienet tiggarantixxi l-użu tajjeb taċ-ċumnija.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elfejn, sebgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€2,047.50), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-i*stove* tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**